A.L. 170 ta' l-2004

KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI (KAP. 12)

Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjonisti Legali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 81A u 87A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjonisti Legali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjonisti Legali, hawn iżjed 'il quddiem f'dawn ir-regolamenti msejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 273 ta' l-2002.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok is-subregolament (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:–

"(1) Professjonist legali, li jkun irid jistabbilixxi ruħu u jeżerċita l-professjoni ta' avukat f'Malta għalkemm ikun kiseb il-kwalifika professjonali tiegħu fl-Istat domestiku li jkollu Ftehim, għandu jirreġistra ruħu ma' l-awtorità nominata.".

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fis-subregolament (1) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "għal evalwazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "għal verifika".